# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2016**

**Rikors Numru 163/14 FDP**

**Onorevoli Silvio Schembri (ID 270885M) u martu Deandra Schembri (ID 355687M)**

**vs**

**Alexander Attard, bhala editur tal-gazzetta 'In-Nazzjon Taghna', Nathaniel Attard, bhala editur tas-sit elettroniku 'maltarightnow.com', il-Partit Nazzjonalista u Matthew Bonnett**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-7 ta' Mejju 2014 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall Istqarrija mahruga mill-Partit Nazzjonalista fit-3 ta' Mejju 2014 intitolata '*Il-Prim Ministru jerga jahseb fil-kurunelli u jinsa lis-suldati: aktar hatriet ghal tal-qalba*" u ghall-artikoli illi dehru fil-gazzetta In-Nazzjoni, fil-5 ta' Mejju 2014 intitolat '*Muscat jerga jahseb fil-kurunelli u jinsa lis-suldati: aktar hatriet ghal tal-qalba'* u illi dehru l-ghada, 6 ta' Mejju 2014, intitolat "*Il-Partit Laburista jaghti l-laham li tal-qalba ... u jhalli l-loqma ghan-nies*" u "*Il-mara tad-Deputat Laburista Silvio Schembri b'impjieg fl-MFSA*" kif ukoll l-artikolu illi deher fis-sit elettroniku "maltarightnow.com" fis-6 ta' Mejju 2014 intitolat "*Xoghol iehor mal-Gvern ghall-mara ta' Deputat Laburista"*, sahqu illi dak hemm miktub kien kollu malafamanti u libelluz fil-konfront taghhom u ghalhekk talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuhom danni a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-istess rikors, ir-rikorrent Silvio Schembri sahaq illi, ghalkemm gie allegat illi bejniethom huma inghataw tmien impjiegi, attwalment l-unika impjieg illi ghandu huwa ta' *full-time consultant* mal-Ministeru ta' l-Ekonomija u Investiment u *part-time lecturer* gewwa l-Universita ta' Malta, kariga illi huwa kellu gia minn sentejn qabel ma gie elett fil-Parlament filwaqt illi huwa gie appuntat bhala Chairman tar-*Responsible Gaming Foundation*, li hija posizzjoni bla hlas u hija konnesa mal-posizzjoni tieghu ta' konsulent. Ir-rikorrenti, Deandra Schembri, da parte taghha, sahqet illi hija ghandha biss impjieg wiehed, u cioe mal-MFSA, u dana wara interview illi hija qadet ghalih, kif ukoll hija membru fuq zewgt Bordijiet illi l-hlasijiet tieghu huma ta' €200 fix-xahar u €10 fis-siegha rispettivament.

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn laqghu ghal dak mitlub billi, ghal dak li jirrigwarda il-Partit Nazzjonalista, sahaq illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzji. Nathaniel Attard, da parte tieghu, sahaq illi huwa ma kienx l-editur tas-sit elettroniku 'maltarightnow.com' u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-intimati, dwar il-fatti, sahqu illi dak irrappurtat ma kienux libelluzi u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi peress illi huwa bbazat fuq fatti verifikabbli u ma kienux intizi sabiex itelfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tar-rikorrenti filwaqt illi insistew illi l-kumment kien wiehed li kellu jitqies bhala 'fair comment' fl-interess pubbliku ammontanti ghal kritika accettabbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija.

Semghet ix-xhieda ta' **Silvio Schembri** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2014 u rat id-dokumentazzjoni varja minnu esebita.

Rat l-artikolu ippubblikat fil-5 ta' Mejju 2014 fil-pagna ta' wara tal-gazzetta In-Nazzjon fejn, hdejn ritratt illi fih jidher il-Prim Ministru Joseph Muscat vicin tar-rikorrent Silvio Schembri hemm artikolu intitolat "*Iktar karigi ghal tal-qalba*" (fol 33).

Rat l-artikolu ippubblikat fis-6 ta' Mejju 2014 fil-pagna ta' wara tal-gazzetta in-Nazzjon Taghna fejn, hdejn ritratt illi fih jidhru z-zewgt rikorrenti hemm artikolu intitolat "*Il-mara tad-Deputat Laburista Silvio Schembri b'impjieg fl-MFSA*"(fol 34)

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Cutajar**, Principal Permanenti tal-Gvern, moghtija fis-27 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **George Spiteri**, Direttur tar-Rizorsi Umani fi hdan l-MFSA, moghtija fis-27 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Silvio Schembri moghtija fis 27 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Cuschieri**, Chairman tal-Malta Gaming Authority, ippresentat fit 3 ta' Frar 2015, li tieghu saret il-kontro ezami fis-6 ta' Lulju 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Philip Von Brockdorf**, Kap tad-Dipartiment tal-Ekonomija fi-hdan l-Universita' ta' Malta, moghtija fil 5 ta' Frar 2015.

Rat illi fil 5 ta' Frar 2015 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhom ebda provi ohra x'jippresentaw.

Semghet il-kontro ezami tar-rikorrent Silvio Schembri moghtija fis 26 ta' Ottubtru 2015.

Rat illi fit-3 ta' Dicembru 2015 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 18 ta' Jannar 2016.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ippresentati fl-4 ta' Marzu 2016.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ghandha tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-Stqarrija tal-Partit Nazzjonalista mahruga fit-3 ta' Mejju 2014 kif ukoll ghall artikolu illi deher fuq is-sit elettroniku '*maltarightnow.com'* fis-6 ta' Mejju 2014, ebda dokumentazzjoni in konnessjoni kemm ma' l-Istqarrija fuq imsemmija kif ukoll l-artikolu fuq is-sit elettroniku '*maltarightnow.com*' ma gew eseibiti, u ghalhekk il-Qorti ma hijiex f'pusizzjoni illi tqis jekk dawna humiex malafamanti jew le.

Di fatti, l-unika dokumentazzjoni relatata mal-kaz kif deskritt fl-Avviz u esebiti quddiem dina l-Qorti kienu l-artikoli illi dehru fil-gazzetta In-Nazzjon fil-5 ta' Mejju 2014 u fis 6 ta' Mejju 2014, li dwarhom ir-rikorrent xehed ukoll, u dwar dawn il-Qorti tista taghmel il-konsiderazzjoniet taghha, ghalhekk l-artikolu tal-5 ta' Mejju 2014 illi dwaru xehed ir-rikorrent ma huwiex l-istess artikolu imsemmi fir-rikors promotur.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent Silvio Schembri huwa Membru tal-Parlament elett mal-Partit Laburista, u gie elett ghall-ewwel darba f'Marzu tas-sena 2013 filwaqt illi mart ir-rikorrent, ossija Diandra Schembri, hija Avukat.

Jirrizulta, mixxhieda tar-rikorrent, illi fil-gazzetta In-Nazzjon ippubblikata fil-5 ta' Mejju 2014, gie ppubblikat artikolu bl-isem "***Iktar karigi ghal tal-qalba ... u 8,000 persuna bla xoghol gustament jappellaw lill-Gvern Laburista johloq ix-xoghol***".

Jirrizulta illi f'tali artikolu, hemm ritratt tar-rikorrent Silvio Schembri flimkien mal-Prim Ministru Joseph Muscat u, taht ir-ritratt, hemm caption fejn jghid "*Id-Deputat Laburista Silvio Schembri (li fir-ritratt jidher mal-Prim Ministru) u l-mara tieghu ghandhom tmien impjiegi pubblici*".

Jirrizulta, imbghad, illi fl-artikolu fuq imsemmi, l-artikolist jghid is-segwenti:

> *"Sadanittant id-Deputat Laburista Silvio Schembri nghata kariga ohra mill-Gvern, dik ta' Chairman tar-Responsible Gaming Foundation.*
>
> *Fi stqarrija dwar dawn l-ahhar zewgt karigi, il-PN qal li filwaqt li l-hbieb tal-qalba sejjrin tajjeb hafna, il-Prim Ministru Muscat irid jghidulu grazzi talli tahom trahhis ta' 2 centezmi fuq petrol bla comb. L-istess zewgt centezmi li zied hu stess xahar ilu.*
>
> *Il-PN hu meraviljat bit-talenti sinifikanti li ghandu d-Deputat Silvio Schembri li minbarra din l-ahhar kariga, Silvio Schembri hu Deputat Laburista fil-Parlament Malti, Chairman tal-Kumitat dwar l-Affarjiet Ekonomici tal-Parlament, Konsulent fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Investiment u Lecturer part time fl-Universita' ta' Malta.*
>
> *B'kollox id-Deputat Silvio Schembri u l-mara tieghu ghandhom tmien impjiegi pubblici. Il-Partit Nazzjonalista qal li filwaqt li Silvio Schembri qed jiekol minn erba ilhuq, it-8,000 persuna li jinsabu minghajr xoghol gustament qed jistennew li l-Prim Ministru jieqaf jahseb f'tali qalba u juza l-energija tieghu biex johloq ix-xoghol."*

Jirrizulta illi fil-harga tal-gazzetta In-Nazzjon ta' l-ghada 6 ta' Mejju 2014, f'artikolu miktub minn l-intimat Matthew Bonnett, giet pubblikata ritratt taz-zewgt rikorrenti hdejn xulxin b'titolu li jghid

"**Il-mara tad-Deputat Laburista Silvio Schembri b'impjieg fl-MFSA**" u tahtu inkiteb artikolu illi kien jghid is-segwenti:

> *"Deandra Schembri, il-mara tad-Deputat Laburista Silvio Schembri, iddaħħlet taħdem mal-MFSA f'kariga li tinsab fil-livell ta' Manager. L-ewwel ġurnata tax-xogħol tagħha mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzarji (MFSA) kienet ilbieraħ u mistennija toħroġ bil-leave tal-maternità ftit tal-ġimgħat oħra.*
>
> *Din hi t-tielet kariga minn dan il-Gvern ghall-mara tad-Deputat Laburista. Wara li kienet inhatret fil-Police Board, bi dħul ta' €2,400, mill-Ministru Manwel Mallia, u ngħatat ir-rwol ukoll biex tmexxi Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati, li għalih titħallas għal kull laqgħa li tmexxi.*
>
> *S'issa, għadu mhux magħruf pubblikament x'inhi l-paga li bdiet tingħata Deandra Schembri mill-MFSA, u dan peress illi filwaqt li l-MFSA kkonfermat li ġiet ingaġġata Schembri, ma ngħatajniex risposta dwar x'qed iddaħħal il-mara tad-Deputat Laburista. Madankollu, in-Nazzjoni hu nfurmat li Schembri tirċievi bejn €25,000 u €30,000 fis-sena.*
>
> *Il-kariga li ngħatat Deandra Schembri hi dik ta' Desk Officer fl-ewwel grad fir-Reġistru tal-Kumpaniji. Dan ir-rwol hu wieħed maniġerjali. Dan ifisser li Schembri għandha aċċess għall-informazzjoni kollha tal-kumpaniji rreġistrati f'Malta. Skont l-MFSA, il-mara tad-Deputat Laburista ntgħażlet għal dan ix-xogħol wara li kien hemm sejħa interna, li għaliha applikaw ukoll persuni li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol mal-ETC. Skont l-informazzjoni li għandna, Deandra Schembri kienet minn dawn tal-aħħar.*
>
> *B'hekk, il-familja Schembri issa kompla jiżdidilha d-dhul għax il-paga li qed tirċievi Deandra tiżdied ma' dik ta' żewġha, li jdaħħal total ta' €65,000 fis-sena: €38,000 bħala Konsulent tal-Ministru Chris Cardona, €19,000 bħala Membru Parlamentari, €5,700 għax imexxi l-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Ekonomiċi u €1,500 bħala Visiting Lecturer. Fl-aħħar jiem, Silvio Schembri nħatar ukoll Chairman tar-Responsible Gaming Foundation, f'pożizzjoni ta' fiduċja."*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent Silvio Schembri, stante illi r-rikorrenti Deandra Schembri qatt ma xehdet quddiem dina l-Qorti, illi r-rikorrent kien qieghed jilmenta mill-fatt illi l-intimati kienu bdew kampanja ta' attakki kontra tieghu sabiex jattakkawh personalment, liema kampanja, r-rikorrenti jishaq, kienet ibbazata fuq fatti mhux korretti.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrenti kienu qed jilmentaw dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-intimati illi huma inghataw, b'kollox bejniethom, "*tmien impjiegi pubblici*" meta dana kien skorrett, u dana kemm ghax kien qed jigi allegat illi l-impjiegi taghhom kienu "*impjiegi pubblici*" kif ukoll in vista tal-fatt illi kien qed jigi allegat illi tali impjiegi inghatawlhom stante illi r-rikorrent huwa Membru tal-Parlament u "*tal-qalba*" kif kienu qed jghidu l-intimati fl-artikoli meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, skond l-artikolu miktub fis-6 ta' Mejju 2014, illi r-rikorrent Silvio Schembri ghandu hames "*impjiegi pubblici*", illi huma dawk ta' Membru tal-Parlament, Chairman tal-Kumitat Parliamentari ghall-Affarjiet Ekonimici, konsulent mal-Ministeru tal-Ekonomija, Visiting Lecturer

mal-Universita ta' Malta u Chairman tar-Responsible Gaming Foundation, li b'kollox iwasslu biex ir-rikorrent idahhal €65,000 fis-sena.

Jirrizulta, dejjem skond l-artikolu fuq imsemmi tas-6 ta' Mejju 2014, illi r-rikorrenti Diandra Schembri ghandha tlett "*impjiegi pubblici*", illi huma dik ta' Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugiati, membru tal-Bord tal-Pulizija u 'Desk Officer' mal-MFSA li, ghal dak li jirrigwarda l-ahhar zewgt impjiegi, iwasslu biex idahhal bejn €27,400 u €32,400 fis-sena.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, partikolarment dik ta' Joseph Cuschieri, Chairman tal-Gaming Authority, illi r-rikorrent Silvio Schembri gie appuntat bhala 'Chairman tar-Responsible Gaming Foundation' fuq rikjesta tas-Segretarju Parlamentari Dr Jose' Herrera, liema posizzjoni irrizulta illi hija wahda li r-rikorrent izomm bhala parti mill-funzjonijiet tieghu ta' konsulent mal-Ministeru tal-Ekonomija, ghal liema posizzjoni ta' Chairman huwa ma jithallas xejn.

Jirrizulta, illi r-rikorrent Silvio Schembri, qabel ma ha il-kariga ta' Konsulent mal-Ministeru ta' l-Ekonomija fuq kuntratt definit ta' sena rinnovabbli, kien General Manager tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Lokali Xlokk, liema Fondazzjoni kienet wahda governattiva u kien ilu fiha ghal erbgha snin bir-rizultat illi, meta r-rikorrent telaq il-kariga illi huwa kellu, tilef il-beneficcju illi jitqies bhala impjegat tal-Gvern fuq bazi indefinita.

Jirrizulta illi, fl-1 ta' Jannar 2011, ir-rikorrent Silvio Schembri gie accettat fil-Fakolta' ta' l-Ekonomija bhala *'casual lecturer'*. Sussegwentement, fl-1 ta' Gunju 2011, huwa gie approvat mill-Kunsill ta' l-Universita' bhala 'visiting lecturer', kariga illi huwa ghadu jiddetjeni sa' llum.

Jirrizulta ukoll mhux ikkontestat illi fl-Elezzjoni Generali ta' Marzu 2013, huwa gie elett mill-poplu bhala Rappresentant tal-Poplu, ossija Membru tal-Parlament, u sussegwentement, huwa gie mahtur bhala Chairman tal-Kumitat Parlamentari ghall-Affarjiet Ekonomici

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mhux ikkontestat mir-rikorrenti stess, illi r-rikorrenti Diandra Schembri, illi hija Avukat, giet appuntata bhala Membru tal-Police Board mill-amministrazzjoni odjerna, u taghha hija tithallas €200 fix-xahar. Giet ukoll appuntata bhala Chairman tar-Refugee Appeal Board, illi tieghu tithllas €10 ghal kull siegha tas-seduti li zzomm.

Jirrizulta, wkoll mill-provi prodotti mir-rikorrenti, partikolarment minn George Spiteri, illi huwa l-d-Direttur tal-Human Resources tal-Malta Financial Services Authority, illi r-rikorrenti Diandra Schembri, kienet applikat f'Lulju 2013 ghal post ta' 'Manager' fi hdan il-Consumer Affairs Unit, izda ma kienetx giet maghzula. Sussegwentement, f'Lulju 2013, kienet anke applikat bhala 'Legal Officer' fi hdan ir-Regulatory Development Unit, izda ma kienet giet maghzula. F'Ottubru 2013, hija applikat ghal post ta' Legal Officer fi hdan ir-Registru tal-Kumpanniji, izda ma kienetx giet maghzula.

Jirrizulta illi eventwalment, f'Marzu 2014, wara sejha illi kienet saret, kemm interna kif ukoll mill-Employment Training Corporation, ir-rikorrenti Diandra Schembri kienet applikat ghal post ta' Desk Officer fi hdan ir-Registru tal-Kumpanniji, u wara ili saru l-interviews kollha mehtiega, hija intaghzlet bhala wahda miz-zewgt *'Desk Officers'* illi kienet irrikjediet l-MFSA.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-assjem tal-artikoli illi huma meritu tal-kawza odjerna u li gew fil-pussess ta' dina l-Qorti, illi l-hsieb ta' min irrediga tali artikoli kien dak illi jgib a konjzzjoni tal-qarrejja kollha illi r-rikorrenti, minn meta tela fil-Gvern il-Partit Laburista, kienu bbenefikaw konsiderevolment billi inghatawlkhom tmien posizzjonijiet pubblici fi hdan il-Gvern filwaqt illi nies ohra li kienu minghajr xoghol kienu qed jistennew illi l-Prim Ministru jiehu hsieb illi jaghti xoghol lilhom u, kif jghid l-artikolist a fol 33, l-istess Prim Ministru kellu "*jieqaf jahseb f'tal qalba*" - indikazzjoni cara, da parte ta' l-artikolist, illi qieghed jigi allegat li r-rikorrenti inghatalhom dawk il-postijiet wara l-intervent tal-Prim Ministru u ghax huma vicini tieghu.

Kif qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu intqal illi:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Kif qalet l-istess Qorti fil-kawza **Delfi AS vs Estonia** deciza fl-10 ta' Ottubru 2013,

> *Although the press must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. The limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians or governments.*
>
> *80. The Court reiterates that the right to protection of reputation is a right which is protected by Article 8 of the Convention as part of the right to respect for private life. In order for Article 8 to come into play, however, an attack on a person's reputation must attain a certain level of seriousness and be made in a manner causing prejudice to personal enjoyment of the right to respect for private life.*
>
> *81. When examining whether there is a need for an interference with freedom of expression in a democratic society in the interests of the "protection of the reputation or rights of others", the Court may be required to ascertain whether the domestic authorities have struck a fair balance when protecting two values guaranteed by the Convention which may come into conflict with each other in certain cases, namely on*

*the one hand freedom of expression protected by Article 10, and on the other the right to respect for private life enshrined in Article 8.*

*82. The Court has found that, as a matter of principle, the rights guaranteed under Articles 8 and 10 deserve equal respect, and the outcome of an application should not, in principle, vary according to whether it has been lodged with the Court under Article 10 of the Convention by the publisher of an offending article or under Article 8 of the Convention by the person who has been the subject of that article. Accordingly, the margin of appreciation should in principle be the same in both cases.*

*83. The Court has considered that where the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life, the relevant criteria in the balancing exercise include the following elements: contribution to a debate of general interest, how well known the person concerned is, the subject of the report, the prior conduct of the person concerned, the method of obtaining the information and its veracity, the content, form and consequences of the publication, and the severity of the sanction imposed.*

Din il-Qorti tikkontendi illi l-istess livell ta' kritika hija applikabbli wkoll ghall-membri tal-familja ta' politiku meta dawna ikunu wkoll jidhru involuti fl-attivita' politika tal-persuna illi dwarha inizzjalment qieghda ssir il-kritika, anke jekk indirettament, sakemm tali kritika ma hijiex wahda relatata mal-hajja privata ta' tali persuna.

Illi, minn naha l-ohra, dwar id-difiza ta' 'fair comment', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, jidher car illi ghalkemm l-artikolu jitkellem dwar persuna pubblika, bhalma hija r-rikorrent u l-mara tieghu li, f'certi aspetti, ghandha wkoll titqies bhala persuna pubblika, il-fatti illi gew imsemmija mill-artikolist, ghalkemm uhud minnhom fattwalment korretti, ssemmew fl-isfond ta' allegazzjoni skorretta u certament malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti - ossija illi lkoll inghatawlkhom stante illi huma kienu "tal-qalba" u l-posizzjonijiet inghatawlkhom bl-intervent tal-Prim Ministru.

Mill-provi kif prodotti, ma jirrizultax illi tali asserzjoni hija fondata.

Jirrizulta, di fatti, mill-provi prodotti, illi l-allegazzjoni illi r-rikorrent huwa '*visiting lecturer*' ghax huwa "*tal qalba*" hija totalment skorretta, stante illi huwa kien l-ewwel '*casual lecturer*' fil-bidu ta' Jannar 2011 u eventwalment gie accettat bhala '*visiting lecturer*' mill-Kunsill tal-Universita f'Gunju ta-sena 2011, meta, dak iz-zmien, il-Prim Ministru kien ghadu Kap tal-Opposizzjoni u l-Gvern tal-gurnata kien attwalment l-opposizzjoni ta' llum.

Jirrizulta wkoll, bhala fatt, illi r-rikorrent gie elett bhala Membru tal-Parlament mhux rizultat tal-fatt illi huwa tal-qalba jew habib tal-Prim Ministru, izda gie elett mill-poplu illi fih kellu il-fiducja u li ghalhekk inkarigah bid-dover illi jirrapprezentahom bl-ahjar mod possibbli ghall-hames snin li gejjin mill-elezzjoni ta' Marzu 2013.

Jirrizulta, finalment, illi ghalkemm saret referenza ghal fatt illi r-rikorrent Silvio Schembri huwa Chairman tar-Responsible Gaming Foundation, imkien ma intqal illi attwalment huwa ma kienx qed jithallas talli kien qieghed jokkupa tali kariga.

Jirrizulta illi, ghal dak li jirrigwarda r-rikorrenti Deandra Schembri, ghalkemm hija giet impjegata mal-MFSA bhala '*Desk Officer*' f'Marzu 2014, huwa skorrett illi jinghad li hija "*iddahhlet tahdem mal-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji*", kif jghid l-artikolist Bonnett fl-artikolu tieghu tas-6 ta' Mejju 2014, u dana peress li, mill-provi prodotti, jirrizulta illi r-rikorrenti Deandra Schembri kienet gia applikat minghajr ebda success ghal tlett positijiet differenti fi hdan l-MFSA, u kien biss ghar-raba 'post' li applikat ghalih, illi hija giet maghzula.

Il-Qorti tosserva illi l-fatt li l-artikolist juza l-kliem "*iddahhlet*" hija indikattiva li hija giet maghzula ghal-post minkejja li ma kellhiex il-kwalifiki sabiex taghmel dan u b'detriment ghal applikanti ohra - madankollu, mill-provi prodotti, jirrizulta illi Deandra Schembri hija Avukat bi professjoni u intghazlet ghal post rikjest mill-MFSA wara illi saru l-intervisti mehtiega u l-iskrutinju rikjest.

Jirrizulta ghalhekk, mill-assjem tal-provi kif prodotti w il-konsiderazzjonijiet fuq maghmulha, illi l-kummenti illi saru mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti ma kienux unikament kummenti intenzjonati sabiex jgharrfu lill-qarrejj komuni bl-involviment ta' l-istess rikorrenti f'diversi attivitajiet, izda kienu intizi wkoll sabiex jghaddu l-messagg illi r-rikorrenti kienu qed jistaghnaw minn fuq kuntatti illi huma kellhom fil-Gvern tal-gurnata, liema kummenti ghalhekk kienu malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti stante illi ma humiex sostanzjalment korretti.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**' deciza fis 27 ta' Jannar 2016,

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir- reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

**Ikkunsidrat**

L-intimati, fid-difiza taghhom, apparti eccezzjonijiet fil-meritu, iqajjmu ukoll varji eccezzjonijiet preliminari, li l-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra.

L-intimata Partit Nazzjonalista tikkontendi illi kif imharrka, hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma hijiex entita li ghandha personalita' guridika u legali filwaqt li sahqet li r-rappresetanza legali u guridika taghha hija regolata mill-Istatut ta' l-istess Partit Nazzjonalista.

Il-Qorti tosserva illi tali eccezzjoni hija wahda gustifikata u timmerita li tigi milqugha stante illi huwa maghruf li l-Partit Nazzjonalista ma hijiex entita' li ghandha personalita' guridika u legali u ghalhekk, bhala 'Partit Nazzjonalista', qatt ma setghet titharrek.

Apparti minn hekk, fl-ebda stadju tal-proceduri ma ingabet xi prova relatata ma' xi stqarrija illi allegatament hareg il-Partit Nazzjonalista.

L-intimat Nathaniel Attard jikkontendi illi huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma kienx l-editur tas-sit elettroniku www.maltarightnow.com.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti naqqsu milli jressqu provi li juru li attwalment Nathaniel Attard kien l-editur tas-sit elettroniku www.maltarightnow.com. Il-Qorti tosserva wkoll, kif gia irrilevat aktar il-fuq, illi r-rikorrenti naqqsu milli jippresentaw l-artikolu illi allegatament gie miktub fuq is-sit elettroniku www.maltarightnow.com u li ssemma fl-avviz bid-data tas-6 ta' Mejju 2014.

Ghalhekk, l-eccezzjoni ta' Nathaniel Attard timmerita illi tigi milqugha wkoll.

Dwar il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet, dawna huma eccezzjonijiet fil-meritu illi gia gew ikkunsidrati minn dina l-Qorti aktar il-fuq.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet il-provi prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel u tieni eccezzjoni, u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Partit Nazzjonalista u lill Nathaniel Attard, filwaqt illi

**Tichad** it-tielet u raba eccezzjoni, u ghalhekk

**Tilqa** t-talbiet rikorrenti limitatament ghall-artikolu illi deher fil-harga tal-gazzetta In-Nazzjon tas-6 ta' Mejju 2014 intitolat "*Il-mara tad-Deputat Laburista Silvio Schembri b'impjieg fl-MFSA*" u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu intitolat "*Il-mara tad-Deputat Silvio Schembri b'impjieg fl-MFSA*" bhala malfamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Alexander Attard u Matthew Bonnett ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni abbazi ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez ta' l-intimati Partit Nazzjonalista u Nathaniel Attard ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

Spejjez rikorrenti, salv dawk fuq imsemmija, u imghax fuq is-somma hekk likwidata mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu a kariku ta' l-intimati Alexander Attard u Matthew Bonnett.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur